

## Ulied il-Mosta jemigraw lejn l-Istati Uniti tal-Amerka fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor *Il-Prof. George Cassar*

Is-seklu għoxrin beda ekonomikament fuq nota tajba għax Malta kienet għaddejja minn żmien ta' ċerta prosperità li għen lil min kien bla xogħol. Madankollu dan iċ-ċerta ġid ma damx wisq għax sal-1905 in-nefqa militari niżlet u magħha tela' n-numru ta' nies qiegħda li żdiedu ma' dawk li kienu diġà bla xogħol. Id-dilemma għall-Maltin, u xejn inqas għall-Mostin, kienet li jew imutu bil-ġuħ f'Malta jew inkella jemigraw. Kien għalhekk li ħafna ħassew li l-unika triq f'dak il-mument kienet li jħallu Malta u jittantaw xortihom f'xi art barranija.

Meta ix-xogħol ma jkunx assikurat ikollok tfittxu x'imkien ieħor. San Francesco kienet waħda minn dawn il-postijiet. Ħafna Mostin spiċċaw hemm. Nagħtu bħala eżempju l-każ ta' missier Paċikk Vella li kienu jsibuhom bħala 'tal-Bażwank'. Paċikk jirrakkonta li meta hu kellu xi tmien snin, madwar l-1913, missieru ddeċieda li jmur l-Amerika biex ifittex ix-xogħol. Ħalla l-familja hawn u erħiela lejn San Francesco. Missier Paċikk kien jaqta' l-ġebel mill-barriera, imma fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin ma kienx hawn wisq attività fis-settur tal-bini. Kienu jaqtgħu l-ġebel u ma joħorġuhx għax il-kostruzzjoni kultant żmien kienet tieqaf. Għalhekk emigra u ħalla warajh lil martu u tlettax-il wild.

Tant kienet diffiċli l-qagħda ekonomika matul is-snin bikrija tas-seklu XX li għaqdiet fil-Mosta raw in-numru ta' membri tagħhom nieżel sew. Il-Banda Nicolò Isouard, per eżempju, għal xi żmien kellha tnaqqas drastikament l-attività tagħha għax is-soċi bdew jitnaqqru minħabba l-emigrazzjoni.



*Mix-xellug Joe Vassallo, Jim 'Tar-Rizzi' mill-Mellieħa, Carmel Dimech (ritratt ħajr Salvinu Zahra)*



*Mix-xellug John Gauci, Joe Bellia, John Bellia (ritratt ħajr Salvinu Zahra)*

Esperjenza ta' diffikultà għaddiet minnha wkoll il-banda l-oħra tal-Mosta li kienet għadha kif twaqqfet. Wara madwar sitt snin ta' attività l-Banda Santa Marija kellha tagħlaq il-bibien bħala banda minħabba l-istess problemi tal-każin l-ieħor, għalkemm baqgħet tidher fil-listi tal-baned Maltin ta' dawk iż-żminijiet.

U l-fama tal-Mostin għall-emigrazzjoni jidher li tant kienet magħrufa li kienu jgħidu li, "Is-safar għall-Mostin qisu qegħdin jieħdu tazza ilma". L-aktar li marru l-Mostin kien f'San Francisco fejn sas-snin sebgħin tas-seklu għoxrin kienu jlaħħqu madwar 7,000 Mosti minn total ta' 17,000 Malti li ssetiljaw hemm.